MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 58/2007

Il-Pulizija
(Spt. M. Sammut)
Vs
Joswil Galea

Il-Qorti;
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-12 ta' Novembru, 2005, f'xi hin bejn is-sitta ta' filghodu [06.00hrs] u d-disgha neqsin kwart ta' filghodu [08.45hrs], gewwa Triq San Gorg, San Giljan u fil-vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajjar fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Fiona Bickle;

2. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, bl-ghajjat u bil-glied u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. talli huwa recediv b’sentenza tal-Qorti u kif ukoll talli kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor, liema sentenzi huma definiti u ma jistghux jinbiddlu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-7 ta’ Frar, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(b), 338(dd), 383, 49, 50, 31 u 17(c) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu hlief ghal dak ravvizat fl-artikoli 217, 218 u 20 tal-Kap, stante li ma rrizultawx u ghall-ewwel akkuza kkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn. Dwar it-tieni akkuza kkundannatu ghall-hlas ta’ ammenda ta’ LM25 u dwar it-tielet akkuza bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 446 kwantu l-ksur ta’ kondizzjoni mposta mill-Qorti fis-sentenza tad-29 ta’ Jannar, 2004, ikkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur oltre hlas ta’ multa ta’ LM200.
Inoltre l-Qorti obligat lill-appellant sabiex ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil Fiona Bickle fuq penali ta’ LM100 multa fin-nuqqas ghal zmien sena skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta’ Frar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha
1. tvarja w timmodifika s-sentenza appellata w dan billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ma sabitux hati ta’ dak ravvizat fl-Artikolu 217 u 218 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li ma jirrizultawx, u tikkonfermaha wkoll in kwantu sabitu hati ta’ l-Artikolu 338DD, tilliberah izda mill-akkuza li minghajr hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Fiona Bickle, u di piu’ tilliberah ukoll mill-akkuza ta’ recidiva u/jew li kiser ordni tal-Qorti li ma jaghmilx reat iehor;
2. fin-nuqqas li tintlaqa’ din it-talba jew uhud mit-talbiet precedenti, tvarjaha w timmodifikaha fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha safejn sabitu hati ta’ l-akkuzi dedotti kontra tieghu u ma sabitux hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fl-artikolu 217, 218 u 20 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, thassaraha in kwantu infliggiet piena li fid-dawl ta’

dak fuq imsemmi ma hijiex kommensurabbli mac-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont in partikolari illi l-appellant kien soggett ghal provokazzjoni ovvja ta' l-imsemmija Fiona Bickle, u f'kaz ukoll li tali recidiva u/jew skur ta' probation ma jirrizultawx kif fuq inghad.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- li ma saritx analisi tajba tal-fatti li wasslu ghall-incident in kwistjoni. L-aktar fattur li nduca lill-Ewwel Qorti li tasal ghall-konkluzzjoni li l-appellant kien jippossjedi l-intenzjoni generika rikjesta sabiex tigi konsegwuita l-akkuza ta' ferita gravi kien li hu kien hareg irrabjat mill-istabbiliment u li qal lil wahda mix-xhieda, meta ppruvat tikkalmah *"hallini inti ta, ghax nifqalgha wiccha lil dik."* Meta wiehed iqis li l-incident gara kmieni filghodu wara li Fiona Bickle kienet ikkunsmat kwantita' ta' alcohol u li hi kienet liebsa zarbun bit-takkuna, l-Ewwel Qorti ma setghetx tasal ghall-konkluzzjoni li kellu din l-intenzjoni generika. Fil-waqt li Bickle tghid li l-appellant imbuttaha u waqqaghha, l-appellant qed isostni li ghalkemm hu tassew mar warajha, f' ebda hin u f' ebda mument ma kellu l-intenzjoni li jimbuttaha, meta dan kie n in-n ess bejn il-waqgha w l-ferita li sofriet Bickle. Kull ma ghamel kien li pprova jaqbadha mill-flokk, meta mhux eskluz li Bickle setghet waqghet biex tahrab mil-appellant. Ma kien hemm ebda xhud estraneju u kull dubju ragonevoli ghandu jmur favur l-appellant. Dwar il-piena, stabbilit li l-appellant kien qed jagixxi taht provokazzjoni ghax Bickle kienet qed taghmel minn kollox biex tinkieh u hu agixxa that trasport ta' passjoni w dak li ghamel ghamlu fis-sahna tad-demm, l-Ewwel Qorti ma qiesetx dan. Li l-akkuza ta' recidiva ma gietx pruvata skond il-ligi. Ma giex pruvat li s-sentenzi li kienu qed jigu imputatati ghall-fini tar-recidiva kienu saru definittivi. Barra minn hekk ma jirrizultax li kien hemm il-jksur tal-probation.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illil-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti li ghamlet l-Ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor , din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha , allura din tkun raguni valida , jekk mhux addirittura mpellenti , sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens *"inter alia*" l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi"** [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace"** [31.5.1991] ; **"Il-Pulizija vs. Anthony Zammit"** [31.5.1991] u ohrajn .)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza "R. v. Cooper" ([1969] 1 QB 276) (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial , an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses , whereas the appeal court normally determines*

*the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed."* (Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991) , p. 1392)

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : **"Ir-Republika ta' Malta vs. Ivan Gatt",** deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994 inghad illi :-

*"Fi kliem iehor , l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi , huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz , tara jekk , anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta….. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament ."*

Illi din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoini ta' htija dwar l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi kontra l-appellant huma prova diretta gejja mix-xiehda tal-istess Fiona Bickle li xehdet li l-appellant gera warajha fit-triq, imbuttaha w waqghet u habtet wicca x' aktarx ma koxxa ta' bieb, prova indizjarja gejja mix-xiehda ta' Anna Manicolo li ftit qabel l-incident semghet lill-appellant jghidilha : *"Hallini int, ta, ghax nifqalgha wiccha 'l dik."* u hi fehmet li kien qed jghid ghal Fiona Bickle u prova indizjarja ohra gejja mix-xiehda ta' Jeffrey Saliba li xehed li qabel l-incident kien ra lill-appellant barra in-*night spot*

irrabjat tant li hu kien offrielu kafe' biex jikkalmah. Hemm umbaghad ix-xiehda tat-tabib Dr.Victor Buhagiar li ezamina lill-Fiona Bickle il-Polycliniic u li kkonferma c-certifikat mediku Dok JG3 li kien jghid li Bickle kellha *lacero-contused wounds* fuq diversi partijiet ta' wiccha, tnejn fuq mohha w wahda fuq gedduma, li fuqhom hu kellu jaghmel il-ponti w ikklassifika dawn il-feriti bhala gravi ghax kienu fil-wicc. Dax-xhud qal ukoll li meta hu kien ezamina lil Bickle f' xid-9.30 am kellha riha ta' xorb fuqha. Gew ukoll esebiti erba ritratti (Doks.JG 5 sa 8 a fols.58 sa 61 tal-process) li juru dawn il-feriti suturati.

Mill-banda l-ohra hemm l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant lill-Pulizija (Fols. 35-36) u d-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti (fols. 138 sa 152). F' dawn it-tnejn hu jsostni li ghalkemm kien verament irrabjat ghal Fiona Bickle, li kellu relazzjoni maghha precedentemnent imma li ghal xi xahar kien qata' minn maghha, meta raha tkellem lil u tisfen ma haddiehor u, ghalkemm ammetta li kien gera warajha fit-triq, qal li dan ghamlu ghax ried ikellimha u mhux ghax ried isawwatha. Hu lanqas biss kien missha izda hi waqghet u wegghet x' aktarx ghax kienet xurbana w kien liebsa t-takkuna.

Ikkonsidrat;

Illi hawn si tratta ta' kaz fejn l-appellant u Bickle kellhom relazzjoni li damet sejra ghal xi zmien. Xi xahar qabel l-incident pero' kienu qatghu minn xulxin u skond l-appellant kienu ftehmu li ma jmorrux fejn ikun hemm wahda jew l-iehor. Dak in-nhar skond l-appellant Bickle kienet dahlet fl-istabbilkiment Sugar Shake go Paceville wara xi kwarta jew nofs siegha li kien dahal hemm hu f' xil-4 am. Hemm gew Bickle kellmet xi irgiel u zifnet ma xi ragel u bdiet thares lejh u tidhaq bhal speci biex tinkieh u minnhabba f' hekk hu rrabja w mar fuq ir-ragel li kien maghha w beda jargumenta mieghu sakemm il-*bouncers* tefghuhom it-tnejn il barra mill-istabbiliment.

Hu baqa' jistenna barra rrabjat u wara xi hin ra lil Bickle gejja lejn id-direzzjoni ta' fejn kien hu. Hu mar warajha w din telqet tigri w gera warajha. Ried jaqbadha mill-flokk

biex ikellimha skond l-appellant izda Bickle tghid li mbuttaha w hi waqghet u wegghet.

Issa altru jekk l-appellant gera wara Bickle w din waqghet wahedha w altru jekk imbuttaha u hi waqghet bhala konsegwenza tal-imbuttatura. Fit-tieni ipotesi l-waqgha tkun ir-rizultat dirett tal-aggressjoni jew hebb konsistenti fl-imbuttattura w l-appellant, una volta li jkun ifforma l-intenzjoni generika li jaghmel xi hsara lil Bickle, umbaghad irid iwiegeb ghall-konsegwenzi naturali li johorgu mill-att aggressiv tieghu - *"Dolus indeterminatus, determinatur ab exitu."*

Invece, jekk jirrizulta, almenu sal-grad tal-probabbli, li l-appellant ma kienx lahaq mess lil Bickle, ghalkemm kien qed jigri warajha, li u din waqghet fit-tentattiv taghha li tahrab minnu, allura jista' koncepibbilment jikkonfigura r-reat tal-offiza involontarja fuq il-persuna ta' Bickle kagjonata bhala r-rizultat tal-agir imprudenti w kontra r-regolamenti tal-istess appellant, li gera wara mara, li kienet qed turih bic-car li ma tridx affair mieghu - ghall-inqas dak in-nhar!.

Illi mill-ezami akkurat tal-provi din il-Qorti ma hix sodisfatta li l-prova tal-Prosekuzzjoni lahqet il-grad tac-certezza morali rikjest mill-ligi biex hija tabbraccja bhala veritiera l-versjoni ta' Bickle w tara li l-versjoni moghtija mill-appelant hija wahda li tista' tigi accettata zgur sal-grad tal-probabbli f' dan il-kaz. Hu sintomatiku li dak il-hin wara l-incident l-appellant beda jibki meta ra x' kien gara, u li wara beda' jsaqsi ghaliha w, meta qalulu li kienet gja telqet kien mar ghand ommha.

L-appellant ghalaq ix-xiehda tieghu billi ghad-domanda jekk jiddispjacix ghal dak li gara, qal :-

"*Iva, ghax lil Fiona inhobbha, jien ma ridtx li jigrilha hekk, iggielidna ta' spiss imma qatt ma erfajt idi fuqha, din giet hazina"*

Inoltre mill-atti processwali jirrizulta li l-appellant u Bickle kienu rrikonciljaw u ghexu flimkien minn Dicembru, 2005 –

appena xahar wara dan l-incident - u April, 2006. (ara Digriet tal-Qorti Kriminali preseduta mill-Onor. Imhallef D. Scicluna tal-31 ta' Mejju, 2006 a fol. 118.)

Ghalhekk fic-cirkostanzi, din il-Qorti thoss li l-konkluzzjoni ta' htija ta' offiza gravi volontarja li waslet ghaliha l-Ewwel Qorti kienet *"unsafe and unsatisfactiory."*

Mill-banda l-ohra pero', l-appellant seta' ppreveda li jekk jitlaq jigri wara mara li kien jaf li kienet xurbana u li kienet liebsa zarbun bit-takkuna, din setghet facilment titlef il-bilanc u taqa' w allura zgur kien ferm imprudenti meta mar jigri warajha kif ghamel, anki jekk il-fini tieghu kienet biss li jaqbadha biex ikellimha. Bhala rizultat ta' dan l-att imprudenti u li ukoll imur kontra l-ligi, (ara art. 251A , 251B u 338 (cc) tal-Kodici Kriminali) hu gie holoq cirkostanza fejn bhala rizultat tal-agir tieghu waqghet u weggghet Fiona Bickle. Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, l-appellant irid jirrispondi ghall-offiza ta' natura <u>involontarja</u>, li stante li kkagunat sfregju, ghandha titqies bhala offiza ta' natura gravi. Imma ta' liema grad kienet din l-offiza gravi , dak kontemplat fl-artikolu 216 jew dak popolarment maghruf bhala "*offiza gravissima*" kontemplat fl-artikolu 218 ?

Stranament, fil-waqt li fis-sentenza appellata (fol. 162) l-Ewwel Qorti qalet li l-"*kwerelanta sofriet sfregju gravi u permanenti"* li hija d-dicitura adoperata fl-artikolu 218 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, fl-istess nifs ziedet tghid li dan kien ai termini tal-artikolu 216 (1) u a fol. 163 qalet espressament li ma kienetx qed issib htija fl-artikoli 217, <u>218</u> u 20 tal-Kodici Kriminali w iccitat biss l-artikoli 214, 215 u 216 (1) (b) meta ccitat l-artikoli li tahthom kienet qed issib htija. L-Avukat Generali ma appellax minn din id-decizjoni u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija aktar gravi ghal dak li jirrigwarda l-entita' u kwalita' tal-offiza minn dik li sabet l-Ewwel Qorti taht l-artikoli 216 (1) (b) kif umbaghad kontemplata fl-art. 226 (1) (b) tal-Kodici Kriminali.

Ikkonsidrat,

Illi dwar l-aggravju tal-appellant li ma saritx il-prova tar-recidiva, gew esebiti zewg kopji ufficjali ta' sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, wahda tal-4 ta' Marzu, 2003 (Fol. 85-86) u l-ohra tad-29 ta' Jannar, 2004 (fol. 87 sa 89). Fil-kaz ta' din l-ahhar sentenza umbaghad xehed l-Ispettur Josric Mifsud li gharaf lill-appellant bhala l-istess imputat imsemmi f' dik is-sentenza. (fols. 107-108). Fil-kaz tal-ewwel sentenza, il-konnotati tal-imputat f' dik il-kawza ghal dak li jirrigwarda paternita', maternita' w numru tal-karta tal-identita', jaqblu perfettament u ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex dubju li z-zewg sentenzi esebiti jirriferu ghall-appellant odjern. Mill-fedina penali tal-appellant esebita quddiem l-Ewwel Qorti (fols. 30 a tergo u 32) jidher li dawn is-sentenzi gew registrati bhala finali. L-istess jidher mill-fedina penali aggornata esebita quddiem din il-Qorti fl-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2004.

L-appellant pero' qed jobbjetta li ma saritx il-prova li dawn is-sentenza kienu saru definittivi, prova li skond l-abbli difensur tieghu trid issir mir-Registratur tal-Qrati.

Ikkonsidrat;

Illi l-prassi ta' dawn il-Qrati dejjem kienet li una volta ssir il-prova tas-sentenza billi tigi esebita kopja vera w awtentika taghha w dment li l-Qorti tkun sodisfatta li dik is-sentenza tkun tirriferi ghall-istess imputat – jew ghax issir il-prova tal-identifikazzjoni minn xi xhud fl-ewwel kawza li l-imputat odjern kien l-istess wiehed fis-sentenza esebita, jew ghaliex il-konnotati tal-imputat fiz-zewg kawzi ikunu identici – allura tkun saret il-prova tar-recidiva skond il-ligi. Qatt ma gie rikjest li ssir il-prova mir-Registratur tal-Qrati li dik is-sentenza tkun ghaddiet in gudikat. Illi meta jkun jidher mill-fedina penali – kif inhu l-kaz hawn – li dik is-sentenza tkun sahansitra mdahhla fil-fedina penali tal-akkuzat, ikun hemm prova bizzejjed li l-kaz ikun gie konkjuz. Jekk l-akkuzat irid jikkontesta dan, dejjem pero' ghandu l-mezz li igib prova kuntrarja fl-istadju opportun. Dan ma sarx f' dan il-kaz u kien biss f' dan l-istadju t' appell li jidher li tqajjmet ghall-ewwel darba din il-kwistjoni.

Pero’ f’ dan il-kaz, stante li issa in forza ta’ din is-sentenza l-appellant qed jinstab hati ta’ offiza gravi involontarja fuq il-persuna ta’ Fiona Bickle, u cioe’ ta’ reat maghmul b’ nuqqas ta’ hsieb, jew bi traskuragni jew minhabba nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, skond l-artikolu 52 tal-Kodici Kriminali, tali reat m’ ghandux jitqies ghall-fini tar-recidiva kontemplat fl-artikoli 49 u 50 tal-istess Kodici. Ghalhekk ma ghandu jkun hemm ebda zieda fil-piena komminata ghar-reat kontemplat fl-art. 226 (1) (b), minnhabba r-recidiva.

Illi dwar il-piena ghal dan ir-reat, ovvjament la hu qed jinstab hati ta’ reat involontarju hu ma jista’ qatt jibbenefika minn xi linja difensjonali li tkun tipprospetta l-provokazzjoni jew il-passjoni istantanja. F’ kull kaz il-fatt li mara li qabel tkun tohrog maghha, tibda tkellem lil u tizfen ma, rgiel ohra w thares lejk u tidhaq qatt ma tista’ tigi interpretata bhala provokazzjoni ghall-fini tal-ligi. Ergo l-agir tal-appellant kien wiehed inaccettabbli taht kull aspett. Ma kellu ebda dritt jinsisti li jkellimha, u inqas u inqas li jmur jigri warajha.

Umbaghad mill-fedina penali tal-appellant jidher li hu kiser difrejh mal-ligi w gie sentenzjat mill-inqas tnax il-darba ohra, b’ reati li jvarjaw minn ipprokurar jew pussess ta’ diversi tipi ta’ droga f’ diversi okkazzjonijiet, ikkagunar ta’ feriti ta’ natura hafifa fuq persuna ohra, glied u theddid ta’ ufficjali tal-Pulizija, frodi bir-raggiri, falsifikazzjoni, ksur tal-ligi tal-VAT, u tfixkil ta’ ufficjali tad-Dipartiment tal-VAT, operazzjoni ta’ hwienet bla licenzja jew bi ksur tal-kondizzjonijiet tal-licenzji w ksur tal-buon ordni. Hu gia gie sentenzjat ghall-piena ta’ prigunerija effettiva darbtejn. Ghalhekk konsidrando din il-kondotta pessima tieghu kif ukoll il-konsegwenzi li gab fuq il-persuna ta’ Fiona Bickle, din il-Qorti tara li hu xieraq li hu jinghata il-piena ta’ prigunerija massima ghar-reat ta’ offiza gravi involontarja li taghha issa qed jinstab hati, skond l-artikolu 226 (1) (b) tal-Kodici Kriminali.

Dwar l-aggravju li ma jirrizultax li nkisret l-ordni tal-probation kif gie deciz mill-Ewwel Qorti, l-appellant kien gie liberat b’ kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien

sentejn bis-sentenza tad-29 ta’ Jannar, 2004 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali. Ir-reat li tieghu qed jinstab hati b’ din is-sentenza tal-lum kien gie kommess fit-12 ta’ Novembru, 2005 u ghalhekk zgur entro l-periodu operattiv ta’ dik il-liberazzjoni kondizzjonata.

Pero’ skond l-artikolu 23 (3) tal-Kap.446 meta r-reat kommess fil-periodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata ikun *“inter alia”* reat ta’ offiza involontarja fuq il-persuna, allura ma japplikax is-subartikolu (2) tal-istess artikolu w l-Qorti ma tittrattax mall-hati ghall-ksur tal-kondizzjoni tal-liberazzjoni kondizzjonata li ma jergax jikkommetti reat iehor fiz-zmien stipulat fl-ewwel sentenza. Ghalhekk in vista tal-konkluzzjoni fuq raggunta dwar l-ewwel imputazzjoni, issa mhux possibbli li l-appellant jigi trattat ghall-ewwel reat li tieghu gie liberat b’ kondizzjoni , kif sar (allura korrettement ) mill-Ewwel Qorti in vista’ tal-konkluzzjoni ta’ htija minnha raggunta fuq l-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell limitatament billi tirrfiforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni (li dwarha ma sar ebda aggravju) u ikkundannatu ammenda ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) u in kwantu obbligat lill-appellant sabiex ma jimmolestax u/jew ma jdejjaqx lil Fiona Bickle fuq penali ta’ LM100 multa fin-nuqqas ghall-zmien sena skond l-artikolu 383 tal-Kap.9, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w kkundannatu sentejn prigunerija ghall-istess imputazzjoni, kif ukoll fejn bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap.446 kwantu ghall-ksur ta’ kondizzjoni imposta mill-Qorti fis-sentenza tad-29 ta’ Jannar, 2004, ikkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sitt xhur oltre hlas ta’ multa ta’ mitejn lira (LM200) u minnflok, issibu hati talli, b’ nuqqas ta’ hsieb, jew bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti, kkaguna offiza gravi involontarja skond l-artikolu 216 (1) (b) fuq il-persuna ta’ Fiona Bickle u tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija w tastjeni milli tittratta mall-appellant ghall-ksur tal-kondizzjoni fuqu imposta bis-sentenza tad-

29 ta’ Jannar, 2004, in vista ta’ din il-konkluzzjoni dwar is-sejbien ta’ htija dwar l-ewwel imputazzjoni skjond l-art. 23 (3) tal-Kap.446.

It-terminu tal-obbligazzjoni imposta mill-Ewwel Qorti skond l-art. 383 tal-Kap.9 ghandu jibda jiddekorri mil-lum u ghalhekk l-appellant qed jigi imgieghel jiffirma mill-gdid l-obbligazzjoni relattiva bid-data tal-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------